A.L. 465 ta' l-2004

ATT TA' L-2003 DWAR IL-MEDIĊINI (ATT III TA' L-2003)

Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Mediċini (Awtorizazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija mill-artikolu 106 ta' l-Att ta' l-2003 dwar il-Mediċini, il-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u skop.

1. (a) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Mediċini (Awtorizazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2004 dwar il-Mediċini (Awtorizazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħin "ir-regolamenti prinċipali". A. L. 387 ta' l-2004.

(b) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa li tiġi trasposta d-Direttiva 93/41/KEE.

Iżid ir-regolament 26 ġdid mar-regolamenti prinċipali.

2. Wara regolament 24 għandu jiżdied regolament ġdid:-

"Applikazzjonijiet qabel l-1 ta' Jannar, 1995.

"26. Applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq li jkunu ġew imgħoddija lill-Kumitat tal-Prodotti Mediċinali Proprjetarji qabel l-1 ta' Jannar, 1995 skond l-Artikolu 2 tad-Direttiva 87/22/KEE u li dwarhom il-Kumitat konċernat ma tax opinjoni sa l-1 ta' Jannar, 1995, għandhom jiġu kkunsidrati skond Regolament (KEE) numru 2309/93.".